**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

**It-Tlieta 15 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (wasal 17.51) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 19.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**19.01.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' safar. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 19.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduti 16, 17 u 18)

**19.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina u sekondat mis-Sindku John Schembri, il-minuti ta' seduti **16, 17** u **18** ġew approvati unanimament.

## 19.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**19.03.01** Xejn

## 19.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**19.04.01** Is-Sindku John Schembri semma li huwa rċieva komunikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Group Life Policy 2025 – 2026 għall-Membri Eletti. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li din il-polza tagħti benefiċċju ta' €30,000 lill-qraba f'każ li Membru Elett jiġi nieqes meta jkun fil-kariga u kemm -il darba din il-polza tkun għadha qed titħallas. Il-kopertura hija waħda 24/7 u li tkopri l-pajjiżi kollha. Is-Sindku John Schembri tenna li din il-polza se tkun qed titħallas fil-jiem li ġejjin.

## 19.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**19.05.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab sabiex il-buffer zone ta' bejn Ħal Farruġ u l-Industrial Estate jitneħħa l-ħaxix mill-ħaddiema għaliex qed ikerrah l-ambjent tal-madwar. Is-Sindku John Schembri wieġbu li se jieħu azzjoni dwar din it-talba.

**19.05.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li l-culverts fi Triq G. Trigance, Triq il-Karmnu u Triq Indri Micallef iridu jsiru kif kien ippjanat u mhux mod ieħor. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li Infrastructure Malta qed jgħidu lin-nies li din deċiżjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qal lill-Kunsillier Frederick Aquilina, li l-ammont ta' culverts inbiddlu u niżlu aktar fil-fond. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qal li mhux il-Kunsill jiddeċiedi dwar it-tibdil tal-culverts imma dan isir minn Infrastructure Malta, minkejja li n-nies qed jgħidu li kienet deċiżjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna tenna li min semma' l-Kunsill Lokali minn Infrastructure Malta għandu jiġi quddiem il-Kunsill u jgħidha quddiem kulħadd. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li importanti li l-affarijiet ikunu ċari u li l-Kunsill Lokali ma ddeċida xejn. Is-Sindku John Schembri temm jgħid li din ir-responsabbilta` hija tal-Perit u mhux tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku John Schembri qal li jekk l-ilma ma jlaħħaqx se jinfetaħ culvert ieħor u l-komunikazzjonijiet qegħdin kollha f'posthom.

**19.05.03** Il-Kunsillier Anton Gatt qal lis-Sindku John Schembri biex bħala Kunsill Lokali nagħmlu talba lill-Infrastructure Malta sabiex isiru culverts, ġewwa Valletta Road fejn hemm iz-zebra crossing. Is-Sindku John Schembri qallu li se jieħu azzjoni dwar dan.

**19.05.04** Il-Kunsillier Anton Gatt qal li l-kurduna l-fili huma mikxufin fejn il-Kappella tal-Madonna tal-Ftajjar. Is-Sindku John Schembri qal li dawn se jitgħattew meta se ssir it-tieni fażi tat-triq.

**19.05.05** Il-Kunsillier Anton Gatt qal li f'Gudja Road għandhom isiru bollards fl-ewwel karreġġjata sabiex is-sewwieq ma jaqbżux għal ġol-mina. Il-Kunsillier Anton Gatt qal li s-sewwieqa tal-Bolt qed joqogħdu jistennew ix-xogħol hemmhekk u għalhekk hemm bżonn aktar enforcement. Is-Sindku John Schembri qal li t-traffic lights se jsiru kif kien ippjanat oriġinarjament, jiġifieri f'Gudja Road u traffic lights ta' fejn CBR. Is-Sindku John Schembri qal li se jkun qiegħed iressaq it-talba lil Infrastructure Malta.

**19.05.06** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li l-ħmieġ fil-binja Joe Brincat qiegħed dejjem jiżdied minkejja li ngħataw l-iskeda ta' meta għandu jinħareġ l-iskart kif ukoll ittra mibgħuta mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Jeffry Scicluna tenna li n-nies dejjem iwaħħlu fil-Kunsill u m'għandiex nittolleraw dawn l-affarijiet.

**19.05.07** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab lis-Sindku John Schembri sabiex titranġa c-Central Strip ta' fejn Triq Kunsill tal-Ewropa, kif toħroġ minn Tarxiex Road. Is-Sindku John Schembri qal li se jieħu azzjoni dwar dan l-ilment.

## 19.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**19.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali għandu ħaddiema ġdida mibgħuta mill-Community Workers. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li din il-ħaddiema l-ġdida se tkun parti mit-tim tal-Customer Care, teħid tat-telefonati u responsabbli mill-Bulky Refuse.

**19.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li x-xogħlijiet fil-kamra tal-banju l-ġdida mexjin u li sar plumbing ġdid għaliex is-sistemi li kien hemm kienu antiki u kellhom bżonn isiru mill-ġdid.

**19.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li mis-seduta li ġejja, il-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera għandhom jintbagħatu minn qabel, sa ġimgħa qabel is-seduta, u mhux isiru waqt is-seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li jrid isir hekk biex il-Kunsill Lokali jkun konformi mal-liġi.

**19.06.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li fix-xahar li ġej il-Kunsilliera se jkunu qed jirċievu l-arretrati dovuti lilhom. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li f'Lulju l-ħaddiema ħadu l-arretrati tal-Performance Bonus u f'Awwissu se jkunu qed jieħdu l-kumplament. Wara dan il-proċess, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jitlob għar-rimbors mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 19.07 Korrispondenza

**19.07.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali rċieva tfakkira mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ħlasijiet ta' kontijiet tal-ARMS kif ukoll xi servizzi tal-Identita`. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li bħala riżorsi umani l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa huwa limitat u għalhekk se jkun qiegħed jitfa' aktar piż fuq il-ħaddiema preżenti. Il-

Kunsillier Frederick Aquilina qal li tali ħlasijiet tal-Gvern jistgħu jsiru fil-fergħa tal-Maltapost f'Ħal Luqa. Kien hemm qbil unanimu li tali ħlasijiet ma jsirux fil-Kunsill Lokali.

## 19.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**19.08.01** Il-Kunsilliera Frederick Aquilina u Andrew Cassar ippreżentaw il-mozzjoni, **"Studju dwar il-Kapaċita` ta' Tolleranza ta' l-Iżvilupp" – 'Carrying Capacity'.** Il-Kunsillier Frederick Aquilina qara din il-mozzjoni u qal li din il-mozzjoni qed tintbagħat lil kull Kunsill Lokali sabiex isir ippjanar aħjar u jekk hux vijabbli. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li dan huwa studju ħolistiku li jipprovdi stampa ċara ta' fejn sejrin bħala pajjiż. Il-Kunsillier Frederick Aquilina sostna li huma jridu li jkollhom data konkreta. Il-Kunsillier Andrew Cassar qal li dan ir-rapport jikkonsisti ukoll kemm -il tunnellata skart jiġġenera l-lokal, kemm jinħela dawl u dan l-istudju se juri ukoll id-densita` u kemm jifilħu ħwienet bħala lokalita`. Il-Kunsilliera Jeffrey Scicluna u Anton Gatt qalu li din id-data hija disponibbli mill-Gvern u anke mill-NAO. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna tenna li ma jistax ma jkunx hawn statistika dwar id-dawl għaliex kull belt u raħal għandu substation allura bilfors teżisti forma ta' data.

Is-Sindku John Schembri qal li filwaqt li japprezza l-mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Frederick Aquilina u Andrew Cassar li tittratta oqsma li huma għal qalb kulħadd kif ukoll għall-qalb il-Gvern, huwa għandu fiduċja sħiħa li l-Gvern, anke permezz tal-Aġenzija u l-Entitajiet varji tiegħu, diġa' qiegħed jieħu ħsieb li jindirizza dawn l-istudji. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li dawn l-istudji qed isiru b'rispett sħiħ lejn il-bilanċ li jinħtieġ fi sfond ta' żvilupp ekonomiku, ambjentali, infrastrutturali u soċjali li qed jippermettu investiment qawwi u bla precedent fil-kwalita` tal-ħajja. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li anke fuq livell reġjonali l-Gvern diġa ħadem fuq studji simili, fejn permezz ta' social impact assessments ġew identitfikati t-temi soċjali ewlenin li għandhom jiġu indirizzati. Dawn l-eżerċizzji waslu biex jiġu mfassla strateġiji li qed jiġu żviluppati u implimentati flimkien mal-Kunsilli Lokali, b'konsultazzjoni u involvement sħiħ tal-għaqdiet kollha u saffi differenti tas-soċjeta`.

Is-Sindku John Schembri fisser li għaldaqstant, anke fuq livelli lokali, il-Kunsilli Lokali u l-imsieħba kollha se jkollhom irwol ċentrali sabiex dak li nstab fuq bażi reġjonali jibda jiġi indirizzat fil-komunita` tagħna. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li dan mhux process li jsir darba biss, iżda seħħ bħala parti mir-riforma li l-Gvern wetaaq fl-2019. Is-Sindku John Schembri fisser li grazzi għal din ir-riforma, is-social impact assessment se jkun qed isir kull ħames snin, biex b'hekk dejjem ikun hemm data attwali u rilevanti għall-kuntest li nkunu qegħdin ngħixu fih.

Is-Sindku John Schemnbri għadda biex jieħu vot dwar din il-mozzjoni. Din il-mozzjoni m'għaddietx mill-Kunsilliera preżenti, b'4 voti kontra u 2 favur.

## 19.09 Attivita` Lejla Ħalluqija

**19.09.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li għal din l-attivita` is-sound u d-dawl inġibu kwotazzjonijiet u l-attivita` se ssir fil-pjazza. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li bħala divertiment se jkun hemm ta' Verna Folk Band u Kantera. Il-Kunsilliera Frederick Aquilina, Anton Gatt u l-Viċi Sindku Keith Bartolo qalu li jġibu xi kwotazzjonijiet oħra

rigward siġġijiet u bankijiet, divertiment u affarijiet oħra sabiex din l-attivita` tattira aktar nies. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li se jkun hemm ikel Malti u mazzit fost ħafna ikel ieħor. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna u s-Sindku John Schembri qalu li jridu jinvolvu ukoll l-għaqdiet tal-lokal sabiex din l-attivita` tkun suċċess.

## 19.10 Skeda ta' Pagamenti

**19.10.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 19.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**19.11.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Awwissu 2025, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 12 ta' Awwissu 2025.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |